MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Numru 36/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**
**v**

**JAMES sive JIMMY ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JAMES sive JIMMY ABELA** ta' hamsa w tletin sena, bin John w Anna nee Zammit, imwieled l-Awstralja nhar d-dsatax ta’ Settembru 1974 u residenti 46, Triq San Pietru, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 260992M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2010 u fil-gimghat ta’ qabel, f’hinijiet differenti, b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, nhar s-sbatax ta’

Novembru 2009, f'xi hin bejn s-sebgha w nofs ta' filghodu w d-disgha w nofs ta' filghodu, minn gewwa garaxx li jifforma parti minn residenza li ggib n-numru 52, 'Mary', sitwat fi Triq l-Imriehel, Birkirkara, kkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass li l-valur taghhom ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Helel Iskander, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

2. Talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2009 f'xi hin bejn t-tlieta ta' wara nofsinhar u l-erbgha ta' wara nofsinhar, minn gewwa drive in li jifforma parti minn residenza privata li ggib l-isem 'Dar is-Sliem', sitwata fi Triq Dun Gusepp Xerri, San Giljan, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Elena Bianca Scicluna, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-hin;

3. Talli nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 2009 f'xi hin bejn d-disgha neqsin kwart ta' bil-lejl w d-disgha ta' bil-lejl, minn gewwa drive in li jifforma parti minn residenza privata li ggib l-isem 'Luna', sitwata fi Triq San Giljan, Birkirkara, kkommetta serq ta' cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Elena Bianca Scicluna, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-hin;

4. Talli fil-lejl ta' bejn d-disgha w ghoxrin w t-tletin ta' Dicembru 2009 f'xi hin bejn l-ghaxra ta' bil-lejl w is-sitta tal-ghada filghodu, minn quddiem residenza li ggib n-numru 109, Flat 2, Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Raymond Cassar, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

5. Talli fil-lejl ta' bejn d-disgha w ghoxrin w t-tletin ta' Dicembru 2009 f'xi hin bejn l-hdax ta' bil-lejl u l-hamsa w nofs tal-ghada filghodu, minn gewwa parapet li jifforma parti minn residenza Bieb B, Flat 2, Telghet Rahal Gdid, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-

dannu ta' Samu,eli Grech, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

6. Talli nhar l-erbgha ta' Jannar 2010 f'xi hin bejn d-disgha w d-disgha w kwart ta' bil-lejl, minn gewwa front garden in li jifforma parti minn residenza Blokk C, Bieb A, Flat 2, Triq c-Cikwejra, Santa Lucija, kkommetta serq ta' cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Anthony Zerafa, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-hin;

7. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera li dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni ta' dan d-delitt billi fil-hamsa ta' Jannar 2010 gewwa Triq l-Imdina, Hal Balzan, ipprova jisraq zewg cilindri tal-gass liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u liema delitt kieku gie kkunsmat, kien ikun aggravat bil-lok u bil-mezz;

8. Talli nhar s-sitta ta' Jannar 2010 f'xi hin bejn s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar w it-tlieta ta' wara nofsinhar, minn parapett li jifforma parti minn residenza privata li ggib n-numru 10, Triq Chester, Marsa, kkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass li l-valur taghhom ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Guseppi Sciberras, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

9. Talli fil-lejl ta' bejn t-tmienja w id-disgha ta' Jannar 2010 f'xi hin bejn l-hdax ta' bil-lejl w is-sebgha tal-ghada filghodu, minn gewwa front garden li jifforma parti minn residenza Block D, Flat 1, Bini tal-Gvern, Hamrun, kkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass li l-valur taghhom ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta' Carmel Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

10. Talli fil-lejl ta' bejn t-tmienja w id-disgha ta' Jannar 2010 f'xi hin bejn l-hamsa ta' wara nofsinhar w t-tmienja ta' filghaxija, minn gewwa bitha ta' residenza Block A, numru 3, Flat 1, Triq t-Turretta, Santa Venera,

kkommetta serq ta’ zewg cilindri tal-gass li l-valur taghhom ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta’ Eileen Joan Frisk, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

11. Talli nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2010 ghal habta tal-erbgha w nofs u erbgha minuti ta’ wara nofsinhar, minn gewwa garaxx li jifforma parti minn residenza li ggib l-isem ‘Villa Laurel’, sitwata fi Triq n-Nutar Zarb, H’Attard,i kkommetta serq ta’ cilindru tal-gass li l-valur tieghu ma jaqbizx l-mitejn u tlieta u tletin euro, ghad-dannu ta’ Jonathan Camilleri Bowman, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

12. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi huwa kien gie misjub hati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta li saru definittivi w ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta’ Jannar 2010 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da’ parti tal-imputat, din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuqu riferuta, l-fedina penali tal-istess imputat w l-estratt mic-certifikat tat-twelied tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta’ llum li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-seduta ta’ llum, t-tlettax ta’ Jannar 2010 w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-

istess seduta ta' llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu nett meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u dan kif stqarret l-istess prosekuzzjoni u gie verbalizzat fl-atti.

Izda minn naha l-ohra kkunsidrat:-

a. Il-fedina penali daqstant pesanti tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li hemm registrati fuqha mhux inqas minn hdax l-conviction dwar diversi reati fejn inghata sentenzi ta' prigunerija u ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi;

b. Li r-res furtiva ma gietx ritornata.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 278 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat JAMES sive JIMMY ABELA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni u kif minnu ammessi u tiddeeciedi li tikkundannah ghal perjodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija mill-lum.**

**Il-Qorti giet infurmata waqt l-presentata li l-imputat ghandu problema t'abbuz mid-droga w ghalhekk taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lil imputat jindirizza din il-problema.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------